MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 1164/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Farrugia (ID492646M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, kif ukoll l-istess Andrew Farrugia**

**vs**

**Charles Schembri (ID278080M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmenin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm480.49) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-6 ta' Awissu, 2004, f'St.Angelo Street, Birzebbugia, bejn il-vettura bin-numru JAB-479 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru EAB-613 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta`**

**attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsin lira (Lm50.00) bhala excess imhallsa mill-attur Andrew Farrugia, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' marzu, 2005, il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu, 2005, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mit-2 ta' Marzu, 2005, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero` b'tort ta' Andrew Farrugia, sewwieq tal-vettura EAB-613, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Andrew Farrugia, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' W273 Eric Sciberras, Andrew Farrugia u charles Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-6 ta' Awissu, 2004, f'St.Angelo Street, Birzebbugia, bejn il-vettura bin-numru JAB-479 misjuqa mill-konvenut, u l-**

**vettura bin-numru EAB-613 misjuqa minn Andrew Farrugia.**

**2. Skond ir-Road Accident Report, Dok.GMI 4, l-attur qal li kien ghaddej fi Triq iz-Zurrieq fil-karreggata tieghu meta l-konvenut hareg « wrong side ». L-attur ghafas brake, l-art kienet imxarrba, skiddja u sehhet il-habta. Il-konvenut jghid li gej minn Triq St. Angelo u meta wasal fil-kantuiniera lemah il-vettura tal-attur tiskiddja.**

**3. W273 Eric Sciberras jghid li l-konvenut kien ghaddej kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u Triq St. Angelo tiehu traffiku f'direzzjoni wahda, pero` jghid ukoll li dan hu skond ma qallu l-parti l-ohra.**

**4. L-attur jikkonferma li dakinhar kienet ix-xita. Hu jghid li l-konvenut hareg « wrong side ». Jikkonferma li skiddja meta ra lill-konvenut.**

**5. Skond il-konvenut Triq St. Angelo hija *two-way* u hu kien hiereg biex jidhol fi triq iz-Zurrieq. Jghid li l-attur kine gej b'velocita` tant li taret minn fuq is-*sleeping policeman* li hemm fi Triq iz-Zurrieq, u dahal fih. Jaqbel li l-art kienet imxarrba.**

**6. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li l-incident sehh tort taz-zewg sewwieqa. Kien tort tal-konvenut li ma uzax id-debita diligenza hu u hiereg fi trqi iz-zurrieq, filwaqt illi jirrizulta li l-attur kien qed isuq xi ftit imharrek, tant li ma kellux kontroll totali, fic-cirkostanzi, fuq il-vettura, u skiddja wkoll.**

**7. id-danni jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti kif ukoll mis-survey report. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm240.24).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ugwali daqs l-attur ghall-kollizzjoni li sehhet, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin lira Matija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm190.24) u lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltita (Lm50.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-hals effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jiqbghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------